# Pjan tal-lezzjoni 1

Sit ta' interess storiku fil-belt tagħna: L-Arloġġ Astronomiku ta' Praga

| | |
|---|---|
| **Skop tal-lezzjoni:** | ▪ Insiru nafu dwar il-leġġenda marbuta mal-kostruzzjoni ta' dan l- Arloġġ Astronomiku<br>▪ Nitgħallmu ftit informazzjoni bażika dwar l-installazzjoni ta' dan l-arloġġ<br>▪ Niżviluppaw iktar ħiliet ta' kooperazzjoni bejn il-gruppi |
| **Introduzzjoni:** | Aqsam l-istudenti fi gruppi ta bejn 3 u 4<br>Saqsi: Ġieli żortu l-belt ta' Praga/rajtu dan l-Arloġġ Astronomiku? |
| **L-Ewwel pass:** | Ejja naraw dan il-filmat qasir;<br>https://www.youtube.com/watch?v=25Xop0QYRPc<br>Aħdem l-eżerċizzju billi twieġeb għall- mistoqsijiet, tagħżel it-tweġiba t-tajba u timla l-vojt kollu.<br>Erġa' ara l-filmat u ivverifika li weġibt il-mistoqsijiet kollha tajbin<br>Diskussjoni qasira (Eżerċizzju addizjonali):<br>Taf b'xi leggendi relatati ma' siti storiċi mill- pajjiż tiegħek? |
| **It-Tieni pass:** | Puzzle – Stampa tal-Arloġġ Astronomiku maqsuma f'biċċiet li kull grupp irid jgħaqqad.<br>Fittex fuq l-Internet u sib liema partijiet jiffurmaw dan l-arloġġ. Uri l-istampa lill-istudenti |
| **Konklużjoni:** | Diskussjoni qasira: Ġieli rajt din l-installazzjoni? Tixtieq taraha? X'jinteressak l-iżjed minnha? |
| **Sib anness:** | Eżerċizzju dwar il-filmat<br>Ritratt tal-arloġġ li għandu jinqasam f'biċċiet |

# Eżercizzju

Eżercizju dwar l-Arloġġ Astronomiku ta' Praga

https://www.youtube.com/watch?v=25Xop0QYRPc

**Għamel referenza għall-filmat sabiex twiegeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. F'liema post eżatt ġewwa Praga jinstab l- Arloġġ Astronomiku?

 ______________________________________________

2. Kemm għandu żmien dan l-arloġġ?

 ______________________________________________

3. Mikuláš ta' Kadaň kien / ma kienx dak li bena l-arloġġ.

4. Il-leġġenda titkellem dwar M____________________ H____________________ bħala l-awtur tal-Arloġġ Astronomiku ta' Praga.

5. Min kien dak li kkummisjona dan l-arloġġ?
   a. Ir-Re ta' Praga
   b. Is-Sindku ta' Praga
   c. Il-Kunsilliera ta' Praga

6. L- Arloġġ Astronomiku juri;
 il-moviment ________________________/_______________________ u s-sinjali Żodiaici fis-sema, kif ukoll l-______________________________ tas-sena, il-ġurnata, ħin u l- ____________________________________________ bil-lingwa Taljana, l- ________________________________ kif ukoll mappa bil-pożizzjoni tal-istillel.

7. Liem figura qiegħda tiġbed il-qanpiena?

 ______________________________________________

8. Il-Kunsilliera ta' Praga
   a. kienu inkwetati li Hanuš jista'
   b. ma tantx ħabblu rashom li Hanuš jista'
   c. talbu lil Hanuš biex

   ... jibni arloġġ simili jew saħansitra aħjar f'xi belt oħra.

9. X kienet dik il ħaġa terribbli li għamlu dawk it-tlett t'irġiel lill-arloġġier?

 ______________________________________________

10. Kif pattijielhom lura l-arloġġier?

 ______________________________________________

# Puzzle

Stampa tal-Arloġġ Astronomiku maqsuma f'biċċiet li kull grupp irid jgħaqqad.

